MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru 462/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Charlie Sultana**
**Joseph Sultana**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charlie Sultana bin Louis u Pauline nee` Muscat, imwieled fis-7 ta’ Marzu 1966 u residenti 106, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, karta ta’ l-identita` 48686(M), u Joseph Sultana bin Louis u Pauline nee` Muscat imwieled fit-8 ta’ Mejju 1970 u residenti 107, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, karta ta’ l-identita` 58586(M) fejn gew akkuzati talli nhar is-26.06.2008 u fil-jiem ta’ qabel fi Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, minghajr il-hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Andew u Maria Xuereb

mix-Xaghra Ghawdex billi ingumbraw passagg li jaghti ghall-ghelieqi li hemm fl-inhawi.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ Ottubru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom multa kull wiehed ta’ €200 u  inoltre wara li rat l-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat lill-imputati sabiex inehhu kull inkonvenjent li permezz tieghu qed jigi zgumbrat l-imsemmi passagg u dana fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imputati Charlie Sultana u Joseph Sultana minnhom prezentat fid-9 ta’ Novembru 2011, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija appellata li biha nstabu hatja tal-akkuza dedotta kontra taghhom u ordnati sabiex inehhu kull inkonvenjent fi zmien tlett xhur, billi minflok, tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet ix-xhieda u lill-partijiet jittrattaw l-appell fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2012.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Andrew u Maria konjugi Xuereb jsostnu li l-imputati, li jigu hut Maria Xuereb, ngombraw b’vetturi u bi skart iehor passagg li jibda fi Triq Gnien Xibla u jibqa’ dieħel ‘l gewwa sakemm jasal fir-raba’ komproprjeta’ tal-istess Maria Xuereb u l-Perit Micallef flimkien ma’ certu Martinu Attard. Andrew u Maria Xuereb isostnu li huma ghandhom wesgha hames piedi mill-istess passagg u minn dik il-wesgha tghid li ghandha dritt tghaddi ghar-raba taghha u ilha hekk taghmel uzu mill-istess passagg ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. L-passagg imsemmi hu l-uniku access li ghandha ghar-raba taghha msemmi izda l-istess passagg gie ngumbrat u mblukkat b’vetturi u mbarazz iehor li konsegwenza taghhom l-istess Maria Xuereb ma setghetx aktar tghaddi ghar-raba taghha. Maria Xuereb

issosnti li ilha tuza l-passagg imsemi sabiex tmur fl-ghalqa taghha ghal dawn l-ahhar 10 snin. Fil-kors tal-proceduri fl-appell fuq stedina tal-Qorti l-imputati nehhew l-oggetti li kienu jingombraw il-passagg b'mod li Maria Xuereb setghet terga tibda tuza u tghaddi mill-passagg imsemmi.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

1. waqt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li konjugi Xuereb ghandhom dritt ta' passagg minn passagg markat D fuq pjanta annessa mal-kuntratt tal-1 ta' Marzu 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani (Dok. MX2) u dan fuq l-iskorta tal-kuntratt imsemmi kif ukoll ta' kuntratt iehor tal-4 ta' Mejju 1994 (Dok. MX1), ebda wiehed mill-istess kuntratti ma jikkostitwixxi dritt ta' passagg favur il-kwerelanti konjugi Xuereb.

2. l-artijiet li minn fuqhom jghaddi l-passagg in kwistjoni llum huma kollha proprjeta' tal-konjugi Attard u Micsav Limited u huma kellhom il-kunsens taghhom sabiex ipoggu l-vetturi taghhom fil-pozizzjoni li minnha qed tilmenta Maria Xuereb.

Ikkunsidrat:

**8.** Jibda biex jinghad mill-ewwel li l-aggravji msemmija kif dedotti fir-rikors tal-appell tal-imputati huma piuttost inutili ghaliex ma jincidux fuq il-kunsiderazzjonijiet relevanti ghall-finjijet ta' htija tal-appellanti ghar-reat ta' ragion fattasi, li bih huma imputati l-appellanti. Anki jekk hu minnu li Maria Xuereb ma ghandha ebda servitu' ta' passagg fuq l-art in kwistjoni u anki jekk l-appellanti kellhom il-kunsens tal-proprjetarji kollha tal-artijiet fl-inhawi sabiex jipparkjaw il-vetturi taghhom u jqeghdu l-iskart l-iehor kollu fil-passagg msemmi, dan ma jservi xejn biex jezimihom mir-responsabilita kriminali ghar-reat ta' ragion fattasi peress li fatti migjuba 'l quddiem mill-appellanti ma jincidu xejn fuq l-elementi tar-reat in kwistjoni.

**9.** L-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* gia gew korrettement enuncjati fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma hix sejra hawn tirreptihom. Bizzejjed jinghad li l-

element tal-eghmil materjali tar-reat jikkonsisti "f'att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi…." (sottolinear tal-Qorti). Ghalhekk ma hux mehtieg li jigi pruvat li l-persuna spoljata kellha xi dritt reali fuq il-haga gawduta minnha izda hu bizzejjed li dik il-persuna kellha bhala fatt it-tgawdija tal-haga u li giet spoljata mill-haga li kienet tgawdi. Kellhiex Maria Xuereb servitu' ta' dritt ta' passagg hu ghalhekk irrelevanti u daqstant hu irrelevanti li l-imputati seta' kellhom il-kunsens tal-proprjetarji kollha tal-artijiet in kwistjoni jekk ma kellhomx il-kunsens tal-persuna spoljata sabiex jisvestuha mit-tgawdija li kienet tgawdi.

**10.** Matul il-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, izda, l-appellanti taw lill-aggravji taghhom sfumatura gdida. Huma sostnew li l-fatt li ma kienx irrizultalhom xi dritt reali vestit f'Maria Xuereb  u huma ottjenew il-kunsens tal-proprjetarji kollha tal-artijiet fl-inhawi sabiex ikunu jistghu izommu l-vetturi u li skart taghhom fil-passagg relevanti kien prova tal-buona fede taghhom u tan-nuqqas ta' koxjenza fihom li huma kienu qieghdin jaghmlu di privato braccio dak li jmessu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika. Fit-trattazzjoni gie sostnut li l-appellanti xehedu li huma ma kienux jafu li Maria Xuereb kienet tghaddi mill-passag in kwistjoni sabiex taccedi ghall-ghalqa taghha.

**11.** F'dawn il-proceduri xehed biss l-appellant Joseph Sultana. L-appellant l-iehor Charlie Sultana ma xhedx. Dwar il-kwistjoni jekk kienx jaf li Maria Xuereb kienet tghaddi mill-passagg imsemmi Joseph Sultana xehed li Maria Xuereb ma kienetx tghaddi minn hemm izda ghall-ghalqa taghha kienet tghaddi mill-mandra biswit id-dar taghha. Huwa sostna li ma hemmx ostakoli ghaliex ma hemmx hitan tas-sejjieh ghalkemm hemm xi zokk ta' sigra li johloq ftit ta' ostakolu facilment rimovvibbli billi jista' jinqata'. Huwa sostna li lilhom ma kienx irrizulta li Maria Xuereb kellha xi dritt tghaddi minn hemm u li jekk jirrizulta li ghandha dritt allura huma ma kienux jostakolawha milli tuza l-passagg.

**12.** Xehed ukoll in difeza l-Perit Salvu Micallef li l-kumpanija tieghu kienet akkwistat xi porzjonijiet ta’ art fl-inhawi u ddikjara li kien jaf bl-ghalqa ta’ Maria Xuereb u li din kienet qed tippretendi li tghaddi mill-passagg msemmi ghalkemm hu kien isostni li l-passagg kienet xtratu l-kumpanija tieghu u li ghalhekk Maria Xuereb ma kellhiex dritt tghaddi minnu. Huwa zied jghid li hu ma kienx jaf jekk Maria Xuereb kienetx fil-fatt tghaddi minn dak il-passagg ghaliex huwa ma hux midhla ta’ l-inhawi. Mistoqsi allura kif setghet mod iehor tghaddi ghall-ghalqa taghha huwa semma li kellha mandra tmiss mal-ghalqa izda qatt ma qal li kienet tghaddi minn hemm. Zied jghid li bejn il-mandra u l-ghalqa ta’ Maria Xuereb hemm hajt tas-sejjieh gholi xi tlett piedi jew inqas.

**13.** Minn naha taghha Maria Xuereb xhedet li l-uniku access li kellha ghall-ghalqa taghha kien mill-passagg imsemmi. Ziedet ukoll li hi kienet regolarment tghaddi minn dak il-passagg u li kienet ilha tuza l-istess passagg ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, kemm ilha ghandha l-ghalqa taghha. Xhedet ukoll li hutha l-imputati kienu jarawha tghaddi mill-passagg msemmi u qatt ma zammewha milli tghaddi sakemm dan l-ahhar bdew jipparkjaw il-vetturi fil-passagg b’mod li ma setghetx tghaddi aktar bil-mohriet.

**14.** Tenut kont ta’ dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ghandix raguni ma taghtix affidament lil dak li xhedet Maria Xuereb u din il-Qorti hi sodisfatta li Maria Xuereb ghamlet zmien twil tghaddi mill-passagg in kwistjoni minghajr xkiel sakemm bdiet issib il-passagg ostakolat mill-appellanti b’vetturi u skart iehor. Jidher li f’xi zmien il-Perit Salvu Micallef beda jirritjeni li kien xtara l-passagg in kwistjoni u li ghalhekk Maria Xuereb ma kellhiex dritt tghaddi mill-istess passagg li issa kien proprjeta’ tieghu. Jidher li l-appellanti segwew lill-Perit u bdew jirritjenu huma wkoll li Maria Xuereb ma kellhiex dritt tghaddi mill-passagg ghaliex dan kien proprjeta’ tal-Perit Salvu Micallef li minghandu hadu l-permess sabiex ikunu jistghu jipparkjaw il-vetturi taghhom fil-passagg.

**15.** Ghandhiex dritt legali li Maria tkompli tippersisti tghaddi mill-passagg in kwistjoni jrid se mai jigi stabbilit quddiem il-Qorti kompetenti jekk l-appellanti jridu jikkontestaw d-dritt ta' access ta' Maria Xuereb mill-istess passagg izda l-istess appellanti ma jistghux, minghajr ma jkunu hatja tar-reat addebitat lilhom, jaqbdu u bl-awtorita' taghhom stess izommu lil Maria Xuereb mit-tgawdija tal-passagg imsemmi kif fil-fatt ghamlu.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li fl-eventwalita' li baqa' xi ngombru fil-passagg in kwistjoni it-terminu ta' tlett xhur moghti fis-sentenza appellata ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------